MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 18/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Carmel Bigeni**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:
"Jintalab illi il-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn u sittin lira maltija u sitta u sebghin centezmu (LM260.76) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01176 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2001 u Mejju 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minna issa ingunt ghas-subizzjoni."
Ra r-risposta:

1. “Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi fil-perijodu ndikat mis-socjeta’ attrici nnifisha l-konvenut qatt ma kellu jew ghamel uzu minn mobile phone u sussegwentement qatt ma seta’ kellu kwalunkwe tip ta’ relazzjoni mas-socjeta’ attrici;

2. Illi di piu’ l-konvenut beda jaghmel uzu minn mobile phone f’Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dan billi juza s-servizz maghruf bhala Ready to Go u cioe’ servizz ta’ pre-paid card liema servizz ma jippermettix li persuna jaghmel kwalunkwe telefonati ammenoche ma jkunux thallsu minn qabel.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Sema’ l-provi;

Ra l-ammissjoni tal-konvenut;

U billi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata anke stante l-ammissjoni tal-konvenut;

Jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM260.76c ghal servizzi lilu resi kif imfisser fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-31 t’Ottubru 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficcjali sad-data tal-hlas effettiv a kariku tal-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------